MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 528/2014

Appell Nru: 528/2014

Il-Pulizja

Spettur Maria Stella Attard

Vs

Carmel Pace

Illum 26 ta' Marzu, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Carmel Pace, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 67862M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-10 ta' Awwissu, 2013 fil-05.11AM bil-vettura BBS264 gewwa Vjal Millabrae, Mosta:

1. Saq jew ipprova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew b'post pubbliku iehor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.
2. Saq jew ipprova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon fin-nifs, tad-demm jew tal-urina ikun izjed mill-limitu preskritt.
3. Saq, gieghel jew halla vettura bil-mutur jew vettura ohra tinstaq, li ma kelliex licenzja.
4. Uza, gieghel jew halla lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq mighajr polza ta' assigurazzzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata milli tiehu jew ikollha ebda licenzja tas-sewqan ghal perjodu taz-zmien ta' mhux inqas minn tnax il-xahar.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Dicembru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 15A(1), 15B(1), 15(1(a),3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-art 3(1) tal-Kap 104, sabithu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u mmultatu multa ta' €3000.00 liema multa ghandha tithallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' €100.00 fix-xahar, l-ewwel pagament ghandu jsir fl-1 ta' Frar, 2015, b'dan illi jekk ma jsirx il-hlas ta' xi wahda mir-rati, l-ammont shih li jkun fadal ghandu jkun dovut u jithallas minnufih u, fin-nuqqas ta' tali hlas, il-bilanc tal-ammont dovut ghandu jkun awtomatikament konvertibbli fi prigunerija minghajr il-htiega ta' ebda att gudizzjarju iehor kif ukoll, tissospendilu l-licnejza tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur millum u tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jeleva minghand l-akkuzat wara li jkun skada t-terminu tas-sospensjoni

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmel Pace, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Dicembru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fejn sabithu hati tal-akkuzi migjuba kontra ti9eghu u minflok tilliberah

minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew in subsidum, f'kaz li l-Qorti ssib htija fil-konfront tieghu, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu ghall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta tas-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur u minflok tinfliggi piena alternattiva.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Carmel Pace huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-ewwel zewg akkuzi ossia li l-appellant saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura Nru: BBS264 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi, w'aktar talli saq ipprova jsuq jew kellu kontrol tal-vettura Nru. BBS 264 fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjoni tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt, ma gewx pruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi biex tipprova dawn iz-zewg akkuzi l-proskeuzzjoni pprezentata l-analizi tan-nifs. Illi l-Legislazzjoni Sussidjarja 65.16, ossia, Regolamenti dwar it-Testijiet tan-Nifs, ossia l-Avviz Legali 392 tal-2010, tas-6 ta' Awwissu, 2010, f'Artikolu 3 jipprovdi li ghall-finijiet tat-twettiq tat-test tan-nifs imsemmi fl-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, it-test ghandu jisr permezz tal-istrument muri fl-Iskedi tal-Avviz Legali msemmi. Illi skond Artikolu 8 tal-Avviz Legali msemmi l-kampjuni tan-nifs jistghu jintalbu fil-post jew vicin il-post fejn l-istess kampjuni jkunu intalbu, jew f'ghassa tal-Pulizija, centru tas-sahha jew sptar huwa dak l-apparat imnizzel fit-Tieni Skeda tal-Avviz Legali msemmi. Illi jirrizulta minn dak prezentat mill-Prosekuzzjjoni li l-apparat li ntuza huwa l-apparat imdizzel fit-Tielet Skeda. Dan l-apparat ma sergahx jintuza ghax huwa apparat li skond l-artikolu 5 tal-Avviz Legali msemmi jista' jintuza ghar-road side test, ossia fit-tirq, meta fil-fatt it-twettiq tat-test tan-nifs sar fl-ghassa tal-Pulizija tal-Mosta. Dan ifisser li kellu jintuza l-apparat muri fl-Ewwel Skeda fejn skond Artikolu 4 tal-Avviz Legali msemmi, ir-rizultat ma giex ppruvat skond il-Ligi li l-appellant saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura Nru:

BBS-264 fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjoni teighu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt. Dan it-test kellu jigi korroborat bi provi ohra u dan ma sehhx. Dan ihalli dubbji fuq il-htija tal-appellant u ghalhekk dawn id-dubbji jmorru favur l-appellant in dubio pro reo.

Illi t-tielet akkuza ossia saq l-imsemmija vettura Nru BBS264 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta biex tinituza fit-triq (licenjza tal-vettura mhux imgedda) ma gietx pruvata kif dedotta.

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali applikat l-artikolu 15 (1)(a)(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta skorrettament. Illi Artikolu 15(1)(a) jipprovid rigward sewqan ta' vettura bil-mutur minghajr licenzja. L-akkuza kif dedotta tirrigwarda licenzja tal-vettura mhux imgedda. Biex l-akkuza taht l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 treggi irid jigi prpuvat li l-appellant ma kellux licenzja tas-sewqan tal-vettura bil-mutur. Dan ma giex pruvat. Li gie pruvat huwa li l-appellant ma kellux l-licenzja tal-vettura mhux imgedda. Dan il-fatt ma jregix taht Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65. Kien ireggi biss kieku l-appellant ma kellux licenzja tas-sewqan ta' vettura bil-mutur, meta dan ma kienx il-kaz. Din l-akkuza kienet treggi keiku harget taht it-Tieni Skeda tal-Kap. 65. Ghalhekk la darba l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali applikat hazin l-Artikolu 15(1)(a) ma setghetx tapplika artikolu 15(3) ghaliex dan l-artikolu huwa zieda fuq il-piena tar-reat taht artikolu 15(1)(a) u ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhalq Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet zbaljata meta issospendiet il-licenzja tas-sewqan tal-appellant ghal zmien sitt (6) xhur meta l-appellant ma setghax ikun misjub hati taht l-artikolu 15(1)(a).

Illi ghar-rigward ir-raba' akkuza, ossia li l-appellant saq l-imsemmija vettura nurmu BBS 264 minghjar ma kienet koperta b'polza ta' assigurazjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni, huwa minnu li kein hemm ammissjoni minn naha tal-appellant, pero' mhux minnu li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali regghet tat zmien lill-akkuzat jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu. Dan huwa aggravju li jmur kontra d-drittijiet procedurali tal-appellant u ghalhekk avolja kien hemm ammissjoni l-fatt li l-appellant ma nghatax iz-zmein riferut rikjest mill-ligi, dan huwa car li

nkissru d-drittijiet tal-appellant sanzjonati mil-Kostituzzjoni ghar-rigward smiegh xieraq u ghalhekk din l-Qorti tal-Appell ghandha ssib dan in-nuqqas min naha li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u tieghu l-provvedimenti necessarji.

Ikkunsidrat:

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkonsidra l-meritu trid tqajjem "ex officio" kwistjoni ta' nullità dwar ir-rikors tal-appell. Minn ezami akkurat ta' dan ir-rikors jidher mal-ewwel illi dan huwa nieqes assolutament mill-espozizzjoni tal-fatti. Fil-fatt l-appellant jghaddi mal-ewwel ghall-aggravji wara s-sentenza tal-ewwel Qorti. L-artikolu 419(1) tal-Kodici Kriminali jghid li r-rikors barra mill-indikazzjoni komuni ghall-atti gudizzjarji, ghandu jkun fih, taht piena ta' nullità (a) il-fatti fil-qosor; (b) ir-ragunijiet tal-appell; (c) it-talba ghat-thassir jew ghal tibdil tas-sentenza tal-Qorti Inferjuri. F'dan il-kaz l-appellant naqas milli jsemmi l-fatti fil-qosor u lanqas ma irrefera ghalihom f'xi parti ohra tar-rikors tieghu. Fil-kawza "Il-Pulizija versus Nicholas Mallia" tal-5 ta' Gunju 1996 il-Qorti qalet, "Il-karenza ta' wiehed mir-rekwiziti tal-artikolu 419(1) tal-Kodici Kriminali hi sollevibbli "ex officio".

Bil-fatti fil-qosor wiehed jifhem il-fatti saljenti tal-kaz, esposti b'mod car izda konciz, u b'tali mod li kemm l-intimat kif ukoll il-Qorti jkunu jistghu mal-ewwel jaqbdu x'inhuma l-fatti kif allegati mill-istess appellant. Ma jkunx sodisfatt il-vot tal-ligi jekk dawn il-fatti jkunu sparpaljati 'l hawn u 'l hinn b'mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividawhom jew jekk ikun maghguna mal-aggravji. Bhalma l-indikazzjoni tal-aggravji ma tistax issir b'semplici riferenza ghall-fatti, hekk ukoll il-fatti jridu jkunu esposti indipendentement mill-aggravji, liema aggravji jistghu jkunu fuq punti ta' fatt kif ukoll fuq punti ta' dritt, sostantiv jew procedurali."

L-istess il-kawza "Il-Pulizija versus Joseph Said" deciza fil-25 ta' Lulju 1994 "Il-gurisprudenza ormai kopjuza dwar in-nullità tar-rikors tal-appell minhabba karenza tar-rekwizit tal-fatti fil-qosor, ma hix gurisprudenza bazata fuq formalizmu jew inflessibiltà procedurali izda gurisprudenza ibbazata fuq interpretazzjoni ragjonevoli tal-imsemmi dispost tal-ligi ...". Raguni ohra giet moghtija mill-Qorti tal-

Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija kontra Michael Curmi" tal-25 ta' Lulju 1994 "... mhux kompitu tal-Qorti li tipprova tislet hi l-motivi tal-appell bid-diversi paragrafi dwar il-fatti ghax altrimenti dawk il-motivi ma jkunux verament tal-appellant izda dawk kongetturati mill-Qorti."

Ikkunsidrat:

Fil-passat il-karenza ta' wahda mill-elementi msemmija fl-artikolu 419 kien jigi iccensurat b'mod serju mill-Qorti. Hu veru illi din il-Qorti kif preseduta, iddipartiet xi ftit minn din l-interpretazzjoni rigida tal-artikolu 419 fuq imsemmi u kien hemm okkazjonijiet fejn nonostante certa irregolaritajiet il-Qorti tal-Appell xorta ikkunsidrat l-appell. Però xi haga jrid ikun hemm biex il-Qorti tkun tista' tifhem u issana l-appell fil-kuntest tal-artikolu 419 imsemmi. F'dan il-kaz però l-espozizzjoni tal-fatti huma kompletament neqsin u din il-Qorti ma tarax kif tista' tissana dan ir-rikors minghajr ma jigi effettivament taghha flok dak tal-appellant.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara l-appell irritu u null u konsegwentement iggib fis-sehh is-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------